# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 21 ta' Marzu 2024**

**Rikors ġuramentat numru 1410/2023AB fl-ismijiet:**

**Paul Falzon bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Oleg Fortovoy (passaport numru FJ270794), Thangadurai Shajan (passaport numru M0497456) u tal-assenti Jishnu Thachappully Sajeev (Passaport numru S6918070), Shiv Babu Saahu (passaport numru U9902686), Sharma Hitesh Kumar (passaport numru R3843824) u Thakur Sahilraj Prakash Chandra (passaport numru Z6850630)**
**vs.**
**Il-Bastiment "Sky" (IMO 8597011)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta rikorrenti fejn hija inter alia ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti, debitament rapprezentati mir-rapprezentant lokali tal-International Transport Workers' Federation Paul Falzon permezz tal-prokuri hawn annessi Dok. A sa Dok. F, rendew servizz bhala kaptan, inginier, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat li jgib l-isem 'Sky' bin-numru tal-IMO 8597011 (Seaferer Employment Agreements taghhom hawn annessi Dok. G sa Dok. L, u IMO Crew List certifikata mill-Kaptan Oleg Fortovoy hawn annessa Dok. M);
2. Illi kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-kaptan Oleg Fortovoy hawn annessa Dok. N, il-bastiment intimat telaq minn Yalova gewwa t-Turkija fit-23 ta' Lulju u wasal Malta fl-4 ta' Awwissu 2023. Fil-prezent il-bastiment intimat ghadu jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta u dan stante li jinstab sorgut gewwa

Bridge Wharf, Church Wharf, gewwa l-Marsa bla ebda possibilita' li jiltaq mill-ibhra Maltin stante li huwa nieqes mill-ekwipagg necessarju kif ukoll minn necessitajiet bazici ohra bhal magna funzjonabbli, fuel u apparat iehor li huwa rikjest sabiex dan il-bastiment ikun jista' johrog mill-ibhra Maltin;

3. Illi r-rikorrenti pruvaw jaghmlu kuntatt mas-sid tal-bastiment pero' dan tal-ahhar injorahom kompletament u abdika minn kwalunkwe responsabbilita' tal-istess bastiment, b'dan li ghal diversi gimghat kienu fl-impossibilita' li jsostnu lilhom nfushom u kellhom jirrikorru ghall-ghajnuna ta' terzi sabiex jaghmlu dan;
4. Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-bastiment intimat fis-somma totali ta' hamsa u tletin elf, seba' mija tlieta u erbghin Dollaru Amerikan u tnejn u sittin tentenimu (USD 35,734.62), ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum ghal circa tlieta u tletin elf, mija u hamsa u erbghin Ewro u disa' u ghoxrin tenteimu (EUR 33,145.29) (estratt tar-rata tal-kambju u tal-kambju nnifsu mehmuz u mmarkat bhala Dok. O), rapprezentanti pagi u salarji dovuti lilhom sat-30 ta' Novembru 2023, u dan skont il-prospett tertifikat mill-kaptan Oleg Fortovoy hawn anness Dok. P.
5. Illi l-bastiment intimat u s-sidien tieghu baqghu inadempjenti nonostante l-interpellazzjonijiet varji da parti tar-rikorrenti debitament rapprezentati sabiex jithallsu l-ammonti dovuti. Dan kif ikkonfermat ukoll mir-rikorrenti Thakur SahilraJ Prakash Chandra, Shiv Babu Sahu, Jishnu Thachappully Sajeev, u Sharma Hitesh Kumar permezz tad-dlkjarazzjonijiet taghhom annessi u mmarkati rispettivament Dok. Q sa Dok. T.
6. Illi l-kreditu pretiz mir-rikorrenti jaqa' taht il-cause of action ravvizata millArtikolu 742B(r) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa wkoll kreditu privileggat ai termini tal-Artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk ir-rikorrent m'ghandhom ghalfejn jaghmlu ebda prova mehtiega skont l-Artikolu 742D tal-Kap. 12;
7. Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrenti huwa cert, likwidu u li ghalaq u, sa fejn jafu r-rikorrenti, il-bastiment intimat m'ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talbiet taghhom ghall-hlas ta' dan l-ammont, kif jidher mill-affidavit ta' Paul Falzon hawn anness Dok. U;
8. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, jghid il-bastiment intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni Ohra li tista' tkun mehtiega:

1. Taqta' u tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,
2. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tar-rikorrenti debitament rapprezentati fl-ammont totali ta' hamsa u tletin elf, seba' mija tlieta u erbghin Dollaru Amerikan u tnejn u sittin tentenimu (USD 35,734.62), ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum ghal circa tlieta u tletin elf, mija u hamsa u erbghin Ewro u disa' u ghoxrin centezmu (EUR 33,145.29), rapprezentanti pagi u salarji dovuti lilhom sat-30 ta' Novembru 2023,
3. Tikkundanna minnufih, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti debitament rapprezentati l-ammont totali ta' hamsa u tletin elf, seba' mija tlieta u erbghin Dollaru Amerikan u tnejn u sittin centenzmu (USD 35,734.62), ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum

ghal circa tlieta u tletin elf, mija u hamsa u erbghin Ewro u disa' u ghoxrin tentetmu (EUR 33,145.29), rapprezentanti pagi u salarji dovuti lilhom sat-30 ta' Novembru 2023, dovut mill-bastiment intimat lir-rikorrentl ghar-ragunijiet premessi

4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovut skont il-ligi sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-bastiment intimat li jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-13 ta’ Frar 2024 f’liema seduta l-bastiment intimat ġie ordnat jidher biex jirrispondi għat-talba;

Rat id-dokumenti li ġew mehmuża mar-rikors promotur.

Rat ukoll li matul is-seduta tat-13 ta’ Frar 2024 il-Qorti kienet sprovvista mir-referti u b’hekk iddifferiet il-kawża għas-seduta tal-20 ta’ Frar 2024.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-20 ta’ Frar 2024 il-Qorti kienet sprovvista mill-proċess u b’hekk iddifferiet il-kawża għas-seduta tas-26 ta’ Frar 2024.

Rat l-affidavit tar-rikorrent;

Rat illi matul is-seduta tas-26 ta’ Frar 2024 il-Qorti semgħet ix-xiehda tar-rikorrent nomine nonche r-rendikont aġġornat tal-ammont reklamat.

Rat il-kumplament tad-dokumenti eżebiti.

Rat illi l-bastiment intimat debitament notifikat[1] baqa’ ma deher ħadd għalih;

Rat li fis-seduti kollha li żammet din il-Qorti hija kienet ħadet ħsieb li ssejjaħ lil bastiment intimat biex jidher għas-seduta iżda kif intqal, ħadd ma deher għalih;

Rat l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li l-bastiment intimat baqa’ kontumaċi;

Illi f’dan l-isfond, il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

---

[1] Billi r-rikors ġuramentat u d-dokumenti mehmuża, d-digriet ta’ dil-Qorti appuntanti l-kawża fis-sensi tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-ordni lil bastiment intimat sabiex jidher għaliha nonche l-avviż tas-smiegħ tal-istess kawża ġew notifikati lill-aġent tal-bastiment fis-6 ta’ Frar 2024 kif ukoll lil Kaptan tal-istess bastiment fit-8 ta’ Frar 2024.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta.**
2. **Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara l-bastiment intimat għandu jħallas lir-rikorrent nomine is-somma komplessiva ta’ ħamsa u tletin elf, seba' mija tlieta u erbgħin Dollaru Amerikan u tnejn u sittin ċenteżmu (USD 35,743.62), ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum għal ċirca tlieta u tletin elf, mija u ħamsa u erbgħin Ewro u disa' u għoxrin ċenteżmu (EUR 33,145.29), rappreżentanti pagi u salarji dovuti lir-rikorrenti nomine sat-30 ta' Novembru 2023;**
3. **Tordna u tikkundanna lil-Bastiment Intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma komplessiva ta’ ħamsa u tletin elf, seba' mija tlieta u erbgħin Dollaru Amerikan u tnejn u sittin ċenteżmu (USD 35,743.62), ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum għal ċirca tlieta u tletin elf, mija u ħamsa u erbgħin Ewro u disa' u għoxrin ċenteżmu (EUR 33,145.29) kif intqal iżjed il-fuq.**

**Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat, u bl-imgħax legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**